ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 28/07 – Din il-laqgħa kienet ippjanata għall-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014 imma kellha tiġi posposta għall-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fis-17:00pm minħabba xi ħsara fil-Live Streaming.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fis-18:25pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Performance Bonuses - :
   a. *Segretarju Eżekuttiv – Antonella Galea – 31 ta' Ottubru – 31 ta' Diċembru*
   b. *Assistent Prinċipal – Antonella Galea – 1 ta' Jannar - 30 ta' Ottubru*
   c. *Uffiċjal Eżekuttiv – Maria Aquilina – 1 ta' Jannar - 29 ta' April 2014*
   d. *Skrivana – Isabella Formosa – 1 ta' Jannar - 31 ta' Diċembru*
   e. *Skrivana Denise Vella – 1 ta' Settembru – 31 ta' Diċembru*
5. Lejla ta' Nominazzjonijiet – Premjijiet
6. Attivitajiet għall-Żmien il-Milied
7. Rapport mill-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa 27/07 tal-Ħamis 13 ta' Novembru 2014 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela qal li ser tintbgħat talba lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jagħtuna linja gwida ta' kif il-Kunsill jibdel id-deċiżjoni li kien ħa oriġinajrament dwar ix-xogħol f'Misraħ tas-Suq Sq Nru 2. *Misraħ Tas-Suq Nru 2*

ii Il-Viċi Sindku staqsa jekk irċevejnix xi ħaġa mingħand il-Kuntrattur dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-bilanċ pendenti fil-kont dwar ix-xogħol ta' *major patching* fi Triq Santa Marija. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li għalkemm l-ittri ntbgħatu kemm lill-Kuntrattur Vella Group kif ukoll lill-Perit Chris Mintoff sabiex jemendaw l-kontijiet tagħhom relatati ma' dan ix-xogħol bqajna ma rċevejniex risposta. *Major Patching – Triq Santa marija*

ii.i Is-Seg. Eżek. spjegat li saret laqgħa bejnha u l-Accountant tal-Kunsill fejn minnha rriżulta li skond il-Letter of Acceptances tal-Entitajiet GO u WSC li tagħhom għandna xi kopji fil-Kunsill, jirriżulta li dawn ix-xogħlijiet huma maqsumin f'żewġ partijiet – parti għal xogħol li jrid jħallas il-Kunsill u l-parti l-oħra huwa xogħol li jagħmel il-Kuntrattur pero li tagħhom kien ser jieħu rifużjoni. Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li hija għamlet kuntatt mal-Perit tal-Kunsill diversi drabi sabiex huwa jqabbel dawn ix-xogħlijiet elenkati fil-Letter of Acceptances maċ-Ċertifikazzjoni li huwa kien ħareġ sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-ħlasijiet u/jew credit notes li jrid jentra fil-kotba tal-Kunsill pero sad-data tal-laqgħa kien għadu ma taħiex id-dettalji mitluba. *Xogħol tal-PPP u xogħol ta' Resurfacing relatat mal-PPP mill-Kuntrattur Vella Group*

ii.ii Il-Viċi Sindku rrimarka li għalhekk huwa tajjeb li l-Kuntrattur joħroġ Invoices dettaljati u itemised għal xogħol li sar fl-2012 kif ukoll għax-xogħol li sar fl-2013 biex b'hekk jidentifika l-ħlasijiet li jrid jeffettwa l-Kunsill. Sad-data preżenti l-Kuntrattur ħareġ invoices wara li l-Kunsill kien tah pagament u jiddatahom skond id-data tal-pagament mill-Kunsill.

ii.iii F'dan il-waqt wasal il-Perit tal-Kunsill fejn talab biex jispjega din is-sitwazzjoni dwar dawn l-Letter of Acceptances u ċ-Ċertifikazzjonijiet tiegħu. Gie deċiż li ssir laqgħa bejn is-Seg. Eżek. u l-Perit sabiex tiġi ċċarata din is-sitwazzjoni. Il-Perit irtira mill-laqgħa.

ii.iv Is- Seg. Eżek. kompliet tispjega li dan l-istess Kuntrattur Vella Group għandu l-Garanzija Bankarja relatata max-xogħol fuq PPP għall-valur ta' €57,000 ilha skaduta minn 5 ta' Ġunju 2014. Dwar dan sar kuntatt ma' dan il-Kuntrattur sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fejn hu sostna li din l-Garanzija hija mġedda u għalhekk intalab jippreżenta kopja tagħha pero sal-ħin ta' din l-laqgħa bqajna ma rċevejna xejn.

ii.v Il-Kunsillier Frans Agius qal li qabel ma l-Kuntrattur Vella Group jġedded il-Garanzija bankarja u jibgħat l-invoices kif suppost, il-Kunsill għandu jissosspendi temporanjament il-pagamenti dovuti lilu.

ii.vi Il-Kunsill qabel unanimament li l-pagamenti lill-Vella Group ser ikunu temporanjament sospiżi sakemm: -

- jġedded il-Garanzija Bankarja ta' €57,000
- u jibgħat invoices dettaljati u itemised għax-xogħol kollu relatat mal-PPP li sar fl-2012 u fl-2013

ii.vii Rigward il-kont ta' l-użu tar-roller, il-Viċi Sindku staqsa kif bqajna u dan għall-fatt li dan il-Kuntrattur l-ewwel qal li dan ir-roller kien ser joffrijulna b'xejn, imbagħad bil- *Kiri ta' roller*

ġurnata u fl-aħħar skond l-iStatement jidher li żammilna €1,485. Huwa stqarr li dan l-aġir mhux ser jaċċettah. Is-Seg. Eżek wieġbet li Vella Group kien għadu ma' bgħattx kont emendat. Il-Kunsill qabel unanimament li sakemm ma tintbgħat l-invoice finali dan l-ammont għandu jitnaqqas mill-ammont dovut lejn Vella Group.

iii. Rigward it-tfaddil ta' €10,000 fix-xahar li maħsub li jinbeda s-sena d-dieħla wara li jitħallsu s-€27,487 dovuti lill-Kuntrattur għall-PPP, s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Accountant tal-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan it-tfaddil ladarba l-Kunsill ikun f'qagħda finanzjara soda. Sadanittant is-Sindku spjega li t-tfaddil mhux bilfors ikun ta' €10,000 imma jista jkun ta' inqas u anke jista' jkun li ma jsirx għax jiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-Kunsill. Tfaddil għat-toroq

vix. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-projector nstabx? Is-Sindku wieġeb li kien għadu ma fittxux. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Sindku jekk għallinqas kienx staqsa lill-Librara jekk forsi dan il-projector tafx li qiegħed merfugħ fil-librerija. Is-Sindku wieġeb li ma kienx għadu staqsiha. Is-Seg. Eżek. qalet li dan irid jinstab għaliex huwa wieħed mill-assi tal-Kunsill. Is-Sindku ser jirraporta fil-laqgħa li jmiss. Projector

x. Il-Viċi Sindku staqsa lill-Kunsill għall-rendikont tad-dħul u ħruġ għall-Attivita' ta' Festa Ħelu. Is-Seg. Eżek. wieġbet li ma setgħax isir peress li konna għadna ma rċevejniex il-kontijiet kollha. Festa Ħelu

x.ii Is-Sindku informa lill-Kunsill li mid-Dar tal-Ħelu nġabret is-somma ta' €1537 li dawn ser jingħataw kollha lill-Community Chest Fund waqt il-Programm l-Istrina 2014.

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li lill-Kappillan fil-Pussess ma tajnihx Memento, qed jissuġġerixxi sabiex jitħallsu l-ispejjeż tal-puliizja li kienu għassa waqt il-Korteo. L-ispejjeż involuti jammontaw għall-€67. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk. Pussess tal-Kappillan

*Il-Kunsillier Ismael Dalli attenda fis- 18:25pm*

xiii. Rigward l-Armar tat-Toroq għal żmien il-Milied, is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tiżjin ser jintrama' kollu minnu flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill. Armar tat-Toroq għall Żmien il-Milied

xiii.i Il-Viċi Sindku qal li sabuh xi nies li jieħdu ħsieb l-armar fi ħdan l-Għaqda M. Annunzjata fejn qalulu li s-Sindku qalilhom li ma tajhomx flus għat-tiżjin tat-toroq għaliex l-Ex Sindku Paul Farrugia ħalla d-dejn. Il-Viċi Sindku rrimarka li dan id-diskors irid jinqata'. Huwa kompla jgħid apparti l-fatt li hu ma kienx waħdu imma kien il-Kunsill kollu involut fid-deċiżjonijiet u l-iskema tal-PPP ma tistax titqies bħala dejn imma commitment.

xiii.ii Is-Sindku qal li l-kliem tiegħu dejjem kien li hekk kif daħal il-Kunsill il-Kuntrattur tal-PPP qallu li l-Kunsill irid jagħtih €280,000.

xiii.iii Il-Kunsillier Ismael Dalli rrimarka dwar l-importanza tar-reputazzjoni tal-Kunsill.

xiii.iv Is-Sindku qal li f'din is-sena l-Kunsill qagħad ħafna attent u qagħad lura minn ħafna affarijiet biex il-finanzi tal-Kunsil jissudaw.

xiii.v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq kjarifika li l-Viċi Sindku kien talab fil-laqgħa preċedenti dwar it-tindif fi proprjeta privata mill-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu taħt l-iskema tal-Community Work, huwa ċċekja mal-kumpanija ETC fejn qalulu li l-kuntratti ta' dawn il-ħaddiema huma ffirmati mill-ETC u mhux mal-Kunsill allura r-responsabbilta' mhix tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jispjega li saħansitra tkellem mal-Insurance Broker tal-Kunsill u dan qallu li jekk xi wieħed minn dawn il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jweġġa', dan m'għandux id-dritt ifittex lill-Kunsill għaliex il-Kunsill mhux qed jagħtih paga.

xiii.vi Il-Kunsillier Frans Agius qal li fil-Liġi tal-Health & Safety hemm li fiċ-Ċivil, l-Employer tal-ħaddiem li jweġġa' huwa dak li jqabbdu u mhux il-Gvern li jagħtih il-paga.

xiii.vii Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill iddeċieda li nitolbu parir legali.

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittri dwar il-bdil tal-ID cards qed jitqassmu lir-residenti Tarxinizi mill-IDMO. Tqassim ta' ittri ta' notifika dwar ID Cards

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Loading/Unloading Bay biswiet il-Knisja Parrokkjali, f'Misraħ tas-Suq k/m Triq Paola li ġiet approvata għad irid jara fejn eżatt ser issir. Loading/Unloading Bay

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tal-Health avviċinawh biex isir xi tibdil fil-Berga ta' Triq Santa Marija. Dawn l-ispejjeż jammontaw għall-€3874 li ser ikunu kollha mħallsin minnhom. Ladarba jsir ix-xogħol huma ser jgħaddulna l-ħlasijiet. Berga fi Triq Santa Marija

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

i Is-Seg. Eżek. qassmet kopja tal-Iskeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill qabel unanimament li minħabba l-cash flow fil-bank għalissa jitħallsu l-fatturi kontrattwali u s-servizzi u l-kumplament jitħallsu la tidħol l-Allokazzjoni li jmiss.

## 4 Performance Bonuses - :

- ***Segretarju Eżekuttiv – Antonella Galea – 31 ta' Ottubru – 31 ta' Diċembru***
- ***Assistent Prinċipal – Antonella Galea – 1 ta' Jannar - 30 ta' Ottubru***
- ***Uffiċjal Eżekuttiv – Maria Aquilina – 1 ta' Jannar - 29 ta' April 2014***
- ***Skrivana – Isabella Formosa – 1 ta' Jannar - 31 ta' Diċembru***
- ***Skrivana Denise Vella – 1 ta' Settembru – 31 ta' Diċembru***

**Performance Bonus**

*Il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati kollha jingħataw il-full Performance Bonus. Is-Seg. Eżek. rringrazzjat lill-Kunsillieri f'isimha u f'isem l-impjegati l-oħra.*

## 5 Lejla ta' Nominazzjonijiet – Premjijiet

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Lejla ta' Nominazzjonijiet hija ppjanata li ssir nhar id-29 ta' Diċembru 2014 ġewwa l-Auditorium tal-Immaculate Conception School. Lejla ta' Nominazzjonijiet

Is-Sindku qal li f'kull residenza tqassmet karta bid-dettalji ta' kull nominazzjoni. Il-Bord ser jiddeċidi n-nominazzjonijiet.

## 6 Attivitajiet għall-Żmien il-Milied

**Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbgħatet karta fir-residenzi kollha bid-dettalji tal-attivitajiet kollha matul ix-xahar ta' Diċembru.

## 7 <u>Rapport tal-Kunsilliera</u>

*Rapport mill-Viċi Sindku Paul Farrugia* Bye Law

i. Il-Viċi Sindku talab jekk tlabniex linji gwida mid-Dipt. Gvern Lokali dwar jekk tistax issir il-Bye Law li tirregolarizza d-dħul u l-ħruġ tal-flus għall-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

Is-Seg. Eżek. wieġbet li għad ma ntalbux linji gwida.

*ii.* Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar il-bżonn urġenti ta' patching fi Triq Santa Marija fil-parti bejn il-Pjazzetta bil-funtana u l-HSBC. Is-Sindku qal li għalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel patching. Bħalissa qed jixtri xi boroż ta' tarmak u jraqqa' temporanjament.

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i. Il-Kunsillier F. Agius informa lill-Kunsill li qed jikkunsidra l-possibilta' li għall-Jannar jew Frar jibdew xi lezzjonijiet ta' ballroom dancing għat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Ballroom Dancing

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Il-Kunsillier Keith Darmanin informa lill-Kunsill li l-lezzjonijiet tal-Aerobics spiċċaw l-ewwel parti u issa ser jiftħu t-tieni fażi mill-14 ta Jannar 2015. L-istudenti ser iħallsu lill-Instructor €5.00. *Lezzjonijiet tal-Aerobics*

ii. Is-Sur Darmanin issuġġerixxa li nhar is-Sibt 11 ta' Jannar 2015 issir laqgħa għar-residenti mmexxija mill-Ispettur Mercieca fl-10:00am ġewwa l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament. *Laqgħa residenti*

iii. Is-Sur Darmanin qed jissuġġerixxi li nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar 2015 tittella' MINI Car Show. Huwa qed jissuġġerixxi li tinxtara Memento waħda u jsiru tokens għad-drinks mingħand BUONGUSTO. Il-Kunsill qabel unanimament. *MINI Car Show*

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli qal li nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2014 kienet organizzata għal darb'oħra l-attivita' tar-Riċiklar tat-tessuti bejn id-9.00am u nofsinhar quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Riċiklar tat-Tessuti

ii. Il-Kunsillier I. Dalli qal li attenda laqgħa dwar Europe for Citizens dwar fondi mill-UE għall-attivitajiet li jkunu favur l-integrazzjoni u l-identita' Ewropea. Europe for Citizens

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinjura D. Vella qalet li ser torganizza ħarġa għat-tfal fis-Cinema ta' Buġibba. Il-Kunsill qabel unanimament. Harġa għat-tfal

ii. Is-Sinjura Vella qalet li nhar it-2 ta' Jannar 2015 ser jorganizzaw attivita' għall-Anzjani. Il-Kunsill qabel unanimament. Attivita' għall-Anzjani

8 **<u>Ħwejjeġ Oħra</u>**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Rainbows qed itellgħu Player of Month u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistax jisponsorja trofew għall-valur ta' €25.00. Il-Kunsill qabel li nisponsorjaw dan it-trofew. Player of the Month

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waslet talba l-Kunsill sabiex is-*sleeping policemen* li hemm fi Triq Xintill titwal u tasal eżatt mal-bankina. Il-Kunsill qabel unanimanet li ssir bil-hot asphalt. Sleeping Policemen Triq Xintill

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dawk l-affarijiet li hemm fuq is-saqaf tal-Berga ser jitneħħew minn hemm. Sar qbil unanimu li l-istage kif ukoll il-merry-go-round niddisponu minnhom. Imbarazz fuq is-saqaf tal-Berga

iv. Il-korsijiet tal-kompluter mat-TCTC ser jinfetħu għall-pubbliku minn Jannar. TCTC

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jinxtara bin għall Kompost għall-valur ta' €35. Il-Kunsill qabel li jinxtara. Compost Bin

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġab kwotazzjoni għal dik il-biċċa ta' taħt il-bankina fejn niżel il-konkos fi Triq Paola. Il-Viċi Sindku rrimarka li dik it-triq kienet saret mit-Transport Malta u dak iż-żmien li saret kien ġibet l-attenzjoni li l-mainijiet tal-ilma parti minnhom ma kienux inbidlu allura issa qed imorru l-mains l-antiki u qed jissijpja l-ilma u l-konkos qed jaqsam taħt il-piż tal-vetturi. Xogħol ta' Emerġenza

vi.i Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni tammonta għal €900.00. Il-Viċi Sindku rrimarka li mhux nimxu bl-istess kejl mar-residenti għall-fatt li jekk m'hemmx flus għal-patching urġenti fi Triq Santa Marija daqshekk ieħor il-Kunsill ma jistax jonfoq €900 sabiex temporanjament jirrimedja għal xogħol ħażin li kien sar mit-TM.

vi.ii Saret diskussjoni fit-tul dwar dan. U ġie deċiż li tinkiteb ittra lit-TM u ninfurmawhom bil-ħsarat li hemm. Sadanittant ġie deċiż li għal Triq Paola jinxtara ftit konkos u jsir ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll li jinxtraw xi boroż tat-tarmak sabiex isir patching temporanju fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel unanimament.

vi.ii Rigward it-tenders, is-Seg. Eżek. qalet li hemm xi pendenzi. Ġie deċiż li nibdew induru każ każ u nirranġaw skond il-liġi. Tenders

ii **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

Il-laqgħa ntemmet fid-20:15pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek.**